## Qorti Civili
## (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- Tnehhija tas-Setgha ta' Genitur minn fuq iz-Zewg Genituri -**

**Artikoli 56 (5) u 57 tal-Kap. 16 -**

### Illum 26 ta' Novembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 102 / 13RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B f'ismu u bhala kuratur 'ad litem'**

**ta' ibnu minuri C B**

**vs**

**D B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur A B proprio et nomine fit-28 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi huwa u D B, l-intimata ilhom mizzewgin sitt snin izda ghandhom tifel C – illum ta' tlettax (13) –il sena minn relazzjoni li bdiet qabel izzewgu;

Illi llum il-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizji, theddid u ingurji gravi min naha ta' martu l-intimata tant li kellu jmexxi b'din il-kawza wara li nghata l-permess mehtieg;

Ghaldaqshekk tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat D B;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-imsemmi C B, minuri f'idejn l-esponenti;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-esponenti u binhom minuri C B u tikkundanna lill-intimata thallas din ir-retta alimentari;

4. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwidaha u taqsamha bejniethom wara li jkunu komminati kontra l-intimata d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

5. Tiddikjara li l-esponenti mhux responsabbli ta' xi dejn li setghet dahlet ghalih l-intimata ad insaputa tal-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat l-inkartament, Dok A anness mar-rikors, b'konferma li l-attur gie ammess ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali;

Rat id-Digriet ta' dina l-Qorti Numru 715/13 tas-27 ta' Marzu 2013, fejn il-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa, u nghatat l-awtorizzazjoni ghall-procedura presenti;

Rat ir-riferti tas-6 ta' Frar 2014, li minnhom jirrizulta li dik in-nhar stess l-konvenuta giet notifikata bl-affissjoni fl-ufficju tal-Maltapost, fl-ghassa tal-Pulizija u fl-Kunsill Lokali, Birkirkara.;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili tad-19 ta' Frar 2014 li biha gew ippresentati estratti mill-Gazzetta tal-Gvern.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2014, fejn gie rilevat li l-konvenuta hi kontumaci;

Rat id-digriet tal-Qorti li nghata fl-istess seduta fejn giet nominata bhala Avukat tat-tfal, Dottor Stephanie Galea, u l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat n-nota tal-Agenzija Appogg tal-14 ta' April 2014 li minnha jirrizulta li l-minuri Glieven (recte: C) huwa protett minn Ordni ghall-Harsien, mahrug fis-16 ta' Dicembru 2012 bis-sahha tal-artikolu 4 tal-Att dwar Tfal u Zghazagh (Ordnijiet ghall-Harsien) (Kap.285) u ghalhekk il-harsien u l-kustodja tieghu huma fdati f'idejn il-Ministru ghall-Familja u Solidajeta' Socjali. Il-minuri huwa segwit mill-haddiem socjali Emanuel Galea mis-Servizz tal-Looked After Children tal-Agenzija Appogg;

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dottor Stephanie Galea;

Rat ix-xiehda tal-attur, li xehed fis-seduta tal-21 ta'Mejju 2014, mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju Dottor Kenneth Gulia;

Rat ix-xhieda ta' Ariana Attard, li xehedhet fis-seduta tat-12 ta' Novembru mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju u ta' Joseph Antoncich, li xehed fl-istess seduta;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015, fejn il-partjiet infurmaw lill-Qorti li l-minuri C B, jirresjedi f'Bosco Home Balzan, li sejjer tajjeb fl-edukazzjoni tieghu u li fil-present hi x-xewqa tieghu li ma jkollux kuntatt maz-zewg genituri. Il-partijiet ghalhekk talbu li fis-sentenza ma jkunx hemm digriet ta' access. Il-Qorti giet infurmata li l-attur qed jiskonta piena karcerarja ta' ghomor il-habs, il-konvenuta qeghedha l-habs b'arrest preventiv u assi tal-komunjoni ma hemm xejn;

Rat li fl-istess seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat dwar il-provi;

**Provi.**

**L-attur A B** xehed fis-seduta imsemmija quddiem l-Assistent Giudizzjarju[1]. Hu kkonferma li kellu relazzjoni mal-konvenuta, qabel iz-zwieg, ta' xi erba' snin, u minn din r-relazzjoni twieled tifel li llum ghandu erbatax-il sena. Hu ddikjara li l-konvenuta, kemm qabel, kif ukoll wara z-zwieg kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra. Izzewgu il-habs stess, sitt snin qabel, u sentejn wara li zzewwgu il-konvenuta giet arrestata u spiccat fil-habs. Hi weldet tarbija waqt li kienet fil-habs li ma kienitx tieghu, u billi din hi registrata fuq ismu kien ser jipprocedi permezz ta' avukat tal-Ghajnuna Legali biex, din it-tifla li illum ghandha sentejn ma tibqax registrata fuqu. Hu xhed illi apparti l-promiskwita' tal-konvenuta hija wkoll mahkuma mill-vizzju tad-droga tant li kienet giet arrestata u ghandha kas il-Qorti li ghadu pendenti .

[1] Fol. 37

Ikkonferma li t-tifel minuri jinsab residenti f'dar tat-tfal u jattendi skola tal-Knisja. Jghid li l-konvenuta ma turi l-ebda interess fit-tifel billi l-anqas iccempillu. Qaltlu li marret Mount Carmel biex tghaddi Bord. Kull ma ghandha disgha u ghoxrien sena, izda ghandha il-vizzju tad-droga u dwar dan jassistiha Dottor George B tad-Detox Centre.

L-attur jghid li meta kienu flimkien kienet taghmel rapporti foloz dwaru mal-Pulizija li kienu jibghatu ghalih u wara jirrilaxxjawh. Meta kienu flimkien ma kienx ihalliha tohrog minnhabba il-vizzju tad-droga anke ghax kien jibza li jigi akkuzat li pprovdilha d-droga hu. Finalment ammetta li hu wkoll kien jiehu d-droga, iddikjara pero' li illum ma ghadhux.

**Ariana Attard mill-Agenzija Appogg**[2], ikkonfermat li t-tifel tal-attur ma issegwhiex hi izda l-haddiem socjali Eman Galea, pero' billi ssegwi lill-minuri bint il-konvenuta, li ghandha sentejn, rat ic-certifikat tat-twelied u taf li l-attur hu registrat bhala missierha. Il-konvenuta kellha din it-tarbija minn ragel iehor izda qatt ma qalet minn hu l-missier naturali.

**Joseph Antoncich tal-Agenzija Appogg**, Servizz ghall-Harsien tat-Tfal, ikkonferma li beda jsegwi l-kaz tal-minuri fis-sena 2011 u dan wara rapport li kien qed jigi abbuzat minn ommu, il-konvenuta. Hu kien ltaqa' maghha diversi drabi u kien jaf li kienet tabbuza bid-droga. It-tifel maghha kien qed jghix hajja verament difficili billi hi kienet anke tasal biex tbiegh xi affarjiet tieghu biex tixtri d-droga u kienet taghmilha ma' nies li wkoll kellhom l-vizzju tad-droga. Hu qal li dak iz-zmien it-tifel kellu relazzjoni qawwija ma' ommu pero' fl-istess hin ta' hsara. Kien jarhom qishom amanti, u ghalkemm qatt ma ra xejn, il-komportament taghhom kien jinkwetah.

Hu rrakkonta incident li nqala' wara li harget l-ordni ghall-harsien tat-tifel, meta l-omm kienet serqet lill-binha mill-iskola. Meta l-ghada fl-Ghassa tal-Pulizzija l-omm rat lit-tifel talbitu l-flus li kellu, u dan irrifjuta ghax kien jaf li bil-flus kienet tixtri d-droga. Ezempju car dan skond ix-xhud li t-tifel ta' hdax-il sena kien aktar responsabbli minn ommu. Hu kkonferma li t-tifel hu intelligenti hafna u hu wiehed mit-*top performers* fil-klassi tieghu. Kienet hasra li kellu jghix f'dak l-ambjent.

Dwar ir-r-relazzjoni tat-tifel ma' missieru, ix-xhud ikkonferma li din kienet tidher posittiva, ghalkemm l-omm kienet tonqos li tiehu lit-tifel jara lill-missieru regolarment. Ix-xhud ikkonkluda li r-relazzjoni tat-tifel ma' l-omm illum tfarket, u l-konvenuta kellha hafna relazzjonijiet ma' rgiel ohra li wkoll kellhom il-problema tad-droga.

[2] Fol. 47

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

**Ligi u Gurisprudenza.**

Id-diposizzjonijiet tal-ligi dwar il-Firda Personali huma l-Artikoli 35 sa 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Arikolu 38 tal-Kapitolu 16**:

***"Kull parti mizzewga tista titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra."***

**Artikolu 40 tal-Kapitolu 16**

***"Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, heddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment"***

**Artikolu 44 tal-Kapitolu 16:**

***"Il-fatt li jkun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu il-firda, mhux ta' xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu l-firda kontra xulxun."***

Il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghti lok ghall-firda huma elenkati fl-artikolu 48 li jghid hekk:

**Artikolu 48**

***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għallfinijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma***

*ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk listess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla firReġistru Pubbliku.*

**Artikolu 56.**

*(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied.*

*(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni in loco parentis, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.*

*(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*

*(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*

*(5) Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti.*

**Artikolu 56A.**

*Il-qorti tista', għal raġunijiet gravi, f'kull żmien f'kawża ta' firda, jew meta l-partijiet ikunu mifrudin, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tiddikjara li l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u fejn il-qorti tagħmel dikjarazzjoni bħal din, il-parti hekk iddikjarata ma tkunx tista', mal-mewt tal-parti l-oħra, tieħu l-kustodja ta' l-ulied minuri, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti. Jedd tal-miżżewġin li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment tat-tfal.*

**Artikolu 57.**

- *omissis* -

***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***

***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lillomm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Ikkonsidrat dwar il-meritu;

Irrizulta mill-provi li l-attur qed jiskonta piena karcerarja ta' ghomor il-habs, l-konvenuta kienet il-habs b'arrest preventiv minhabba akkuzi pendenti relatati mad-driga filwaqt li t-tifel ta' erbatax il-sena jirrisjedi f'dar residenzjali gewwa Hal Balzan u llum ma jrid l-ebda kuntatt mal-genituri.

Il-partijiet jaqblu max-xewqa tat-tifel taghhom li fic-cirkostanzi prezenti ma jkun hekk l-ebda kuntatt bejnhom u bejn binhom.

Jaqblu wkoll li bhala assi tal-komunjoni ma hemm xejn. Effettivament il-partijiet huma separati *de facto* billi l-attur qed jiskonta sentenza ta' habs ghal ghomru, u kien diga' l-habs meta zzewgu. Dan iffisser li huma kienu jikkoabitaw qabel iz-zwieg u mhux wara. L-akkuzi tal-attur li l-konvenuta kienet taghmel rapporti foloz kontrih mal-Pulizzija, dejjem jekk saru, dan kien fiz-zmien li kienu jikkoabitaw qabel ma izzewgu u ghalhekk ma jikkostitwux gustifikazzjoni ghall-firda personali li necessarjament tikkompeti biss lill-parti mizzewga. L-attur pero' jakkuza lill-konvenuta b'adulterju, u dan mill-provi rrizulta abbondantement billi l-konvenuta weldet tarbija sentejn ilu wara relazzjoni adultera taghha u dan fiz-zmien li l-attur kien gia' l-habs jiskonta piena karcerarja ta' ghomor il-habs.

L-adulterju tal-konvenuta hu kkonfermat min Ariana Attard mill-Agenzija Appogg li ssegwi il-progress tat-tifla tal-konvenuta. Hi kkonfermat li ghalkemm it-tifla mhiex wild tal-attur, hi registrata f'isem l-attur fuq ic-certifikat tat-twelid taghha minhabba li fiz-zmien il-koncepiment taghha l-partijiet ma kienux separati legalment.

Hemm ukoll x-xiehda ta' Joseph Antoncich tal-Agenzija Appogg li kkonferma li l-konvenuta kellha hafna relazzjonijiet ma' diversi rgiel ohra li ukoll kellhom il-vizzju tad-droga.

It-talba tal-attur li l-konvenuta kienet hatja ta' adulterju hija gustifikata.

**Kura u Kustodja u Setgha tal-Genitur fuq il-Minuri**.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti jezistu c-cirkostanzi gravi kontemplati fil-ligi *supra* citata li jiggustifikaw fl-interess tal-minuri li l-Qorti tnehhi s-setgha ta' genitur minn fuq iz-zewg genituri. Gie ppruvat abbundantement illi kwalunkwe kuntatt bejn il-genituri u binhom ikun ta' hsara ghal dan ta' l-ahhar. Jirrizulta wkoll illi huwa l-isess iben li qed jitlob li ma jkollu l-ebda kuntatt la ma' ommu u lanqas ma' missieru. Huma cirkostanzi dawn verament pietuzi u sfortunati ghal dan it-tifel illi filwaqt li gie moghni b'intelligenza 'il fuq mill-medja sab ruhu f'cirkosanzi familjari mill-aktar difficli fejn il-konsum tad-droga u l-promiskwita' ta' ommu kienet ir-regola ta' kuljum filwaqt li missieru jinsab karcerat ghal ghomru l-habs. Fortunatament jirrizulta wkoll illi llum il-minuri jinsab indukrat f'dar residenzjali ghal zghazagh f'sitwazzjonijiet difficli.

Ghalhekk il-Qorti ser tordna li titnehha minn fuq iz-zewg genituri s-setgha ta' genitur fuq il-minuri binhom u tordna li ma jkun hemm l-ebda kuntatt bejn il-genituri u binhom. Minflok ser taghti s-setgha ta' genitur fuq il-minuri f'idejn l-Agenzija Appogg jekk u meta l-Ordni ghal Harsien ma tibqax aktar in vigore.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddecidi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta,

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenuta;

2. Tichad it-tieni u t-tielet talba.

3. Ai termini tal-Artikoli 56 (5) u 57 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tnehhi minn fuq iz-zewg genituri s-setgha ta' genitur u l-kura u kustodja minn fuq binhom minuri C. Tordna wkoll li hadd mill-genituri ma jezercita access versu l-minuri jekk qabel ma jottjeniex il-permess tal-Qorti. Taghti s-setgha ta' genitur fuq l-imsemmi minuri f'idejn l-Agenzija Appogg jekk u meta l-Ordni ta' Harsien ma tibqax aktar in vigore.

4. Tilqa' r-raba' talba, tittermina ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma irrizultaw l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk tichad it-talba ghal-likwidazzjnoi u qsim tal-istess.

5. Tikkommina kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Tilqa’ l-hames talba tal-attur kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**